32005D0442

L 153/32 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 16.6.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-30 ta' Mejju 2005
## li tadatta l-*allowances* previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari sekondati lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

(2005/442/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2003/479/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

(1) L-Artikolu 15(7) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE jipprovdi li l-*allowances* ta' kuljum u ta' kull xahar għandhom jiġu adattati kull sena mingħajr effett retroattiv abbażi ta' l-adattament tas-salarji bażiċi ta' uffiċjali tal-Komunità fi Brussel u fil-Lussemburgu.

(2) L-aħħar adattament ta' dawk l-*allowances* sar bid-Deċżoni 2004/240/KE u daħal b'effett fl-1 ta'April 2004.

(3) Permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005 ta' l-20 ta' Diċembru 2004 li jadatta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2004, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej u l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikati għalihom ([2]), il-Kunsill stabilixxa aġġustament ta' 0,7 % tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' uffiċjali tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE l-ammonti ta' EUR 27,96 u EUR 111,83 għandhom jiġu mibdula bl-ammonti ta' EUR 28,16 u EUR 112,61 rispettivament;

2. Fl-Artikolu 15(2) it-tabella għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

| "Distanza bejn il-post ta' reklutaġġ u l-post ta' sekondament (km) | Ammont f'euro |
|---|---|
| 0-150 | 0 |
| > 150 | 72,39 |
| > 300 | 128,69 |
| > 500 | 209,13 |
| > 800 | 337,83 |
| > 1 300 | 530,87 |
| > 2 000 | 635,45" |

3. Fl-Artikolu 15(4) l-ammont ta' EUR 27,96 għandu jiġi mibdul bl-ammont ta' EUR 28,16.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-ewwel jum tax-xahar wara dak ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Mejju 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. BODEN

([1]) ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/240/KE (ĠU L 74, 12.3.2004, p. 17).

([2]) ĠU L 8, 12.1.2005, p. 1.